MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 269/2010

**Appell Nru. 269/10**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Alexander Paul Miruzzi)**
**Vs**
**Geoffrey Maggi**

**Illum 31 ta' Jannar, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 558155(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, naqas li jikkonforma ruhu mas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 12 ta' Dicembru, 2007, u moghtija fil-konfront tieghu in kwantu li naqas kif ordnat fl-imsemmija sentenza li fi zmien tlett xhur mid-data tas-sentenza, jikkonforma ruhu mal-ligi u fin-nuqqas jehel

multa ohra ta’ sitt (6) Liri Maltin ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-10 ta’ Gunju, 2010, li biha, wara li rat l-artikolu 76 tal-Kap. 406, sabet lill-appellant hati ta’ l-akkuza kif dedotta u kkundannatu ghal hlas ta’ multa ta’ €2,403.91 (elfejn, erba’ mija u tliet Euro u wiehed u disghin centezmu), multa rapprezentattiva l-perjodu ta’ bejn it-13 ta’ Marzu, 2008 sal-31 ta’ Awwissu 2008.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-18 ta’ Gunju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza appelata meta sabet l-appellant hati ta’ l-akkuza u meta kkundannatu €2403.91 rapprezentattiva l-perjodu ta’ bejn it-13 ta’ Marzu 2008 u l-31 ta’ Awwissu 2008 u fin-nuqqas tirriforma s-sentenza fil-piena billi tapplika piena ferm inqas oneruza.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u li ghalhekk ma kellhiex timponi multi ghall-perjodu mit-13 ta’ Marzu, 2008 u l-31 ta’ Awwissu 2008 u dan kif jirrizulta mill-provi;
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, din il-Qorti hija mitluba li fic-cirkostanzi partikolari timponi sentenza anqas oneruza fic-cirkostanzi.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellant Geoffrey Maggi kien gie mressaq il-Qorti sabiex iwiegeb ghal nuqqasijiet fil-konfront tad-Dipartiment tal-VAT. Instab hati u mmultat fit-tnax (12) ta’ Dicembru elfejn u sebgha (2007). F’din is-sentenza gie moghti zmien tlett (3) xhur sabiex jikkonforma ruhu mal-ligi inkella jehel multa ohra. Gara,

però, illi l-appellant ma kkonformax ruhu mal-ligi u rega' tressaq il-Qorti sabiex jigi kundannat ihallas il-multa.

B'sentenza moghtija fl-ghaxra (10) ta' Gunju tal-elfejn u ghaxra (2010) l-appellant instab hati u mmultat elfejn, erba' mija u tlett ewro u wiehed u disghin centezmu (€2403.91). L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell.

Xehedu f'din il-kawza Paul Scicluna illi kien il-prosekutur tal-VAT. Informa lill-Qorti li wara s-sentenza tal-ewwel Qorti tat-tnax (12) ta' Dicembru tal-elfejn u sebgha (2007) ottempra ruhu mad-Dipartiment fl-ewwel (1) ta' Settembru tal-elfejn u tmienja (2008). Però l-multa baqa' ma thallsitx.

Wara s-sentenza tal-ewwel Qorti tat-tnax (12) ta' Dicembru elfejn u sebgha (2007) l-appellant kien ta' spiss jigi ghand ix-xhud Paul Scicluna fl-ufficcju sabiex jipprova jhallas jew jaghmel xi modalità ta' pagamenti. L-appellant qallu li kellu problemi finanzjarji u familjari u li l-mara tieghu ma kinitx qed ittih id-dokumenti illi kellu jibghat lid-Dipartiment. Dana gie konfermat mill-appellant stess fejn qal illi kellu hanut Bugibba, kien gie sentenzjat u f'dawk it-tlett (3) xhur ta' wara illi suppost kellu jottempora ruhu mal-ligi kellu hafna diffikultajiet finanzjarji u personali. Kien f'kuntatt kontinwu ma' Paul Scicluna tal-VAT u hallas kollox però ma deherlux li kellu wkoll ibaghti l-multa. Spjega illi dan l-argument gabu wkoll quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

L-appellant argumenta illi dawn kienu cirkostanzi partikolari illi ma setax jaghmel dak illi kien ordnat u l-ewwel Qorti messha hadet dan in konsiderazzjoni fis-sentenza taghha. Ma kienx tort tal-appellant illi ma ressaqx id-dokumenti fiz-zmien peress illi kienet il-mara tieghu illi impedietu illi jkollu f'idejh dawn id-dokumenti. Fl-ewwel opportunità li kellu hallas kollox u ghalhekk dan mhux xi persuna illi ried jittraskura izda gieh zmien hazin u ma setax ihallas fi zmien mitlub.

Ikkunsidrat:

Kif qal l-istess appellant quddiem l-ewwel Qorti kellha l-istess xenarju u hadet dan kollu in konsiderazzjoni meta tat is-sentenza taghha. Kienet fid-deskrizzoni libera taghha taccettax dawn l-argumenti jew le, u ghazlet li ma taccettahomx. Din il-Qorti ssib illi fuq il-provi illi kellha quddiemha, l-ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha.

F’dan il-kaz huwa prassi illi mhux normali illi tigi disturbata d-deskrizzoni tal-ewwel Qorti u wkoll ghal dak li jirrigwarda l-piena jekk din tkun fil-parametri tal-ligi. Il-Qorti imponiet multa skont dawn l-istess parametri u ghalhekk mhuwiex il-kaz illi s-sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------